B 2795

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,367, 27 ta' Diċembru, 2024

Taqsima B

A.L. 376 tal-2024

ATT DWAR L-UGWALJANZA GĦALL-IRĠIEL U N-NISA (KAP. 456)

Regolamenti tal-2024 dwar il-Promozzjoni tal-Bilanċ bejn il-Ġeneri fost Diretturi ta' Kumpanniji Elenkati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20(b) tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar il-Promozzjoni tal-Bilanċ bejn il-Ġeneri fost Diretturi ta' Kumpanniji Elenkati.

(2) Dawn r-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza, jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2022/2381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa; Kap. 456.

"Awtorità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

"Direttiva" tfisser id-Direttiva (UE) 2022/2381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa maħtura skont l-artikolu 11 tal-Att u tinkludi kwalunkwe uffiċjal tal-Kummissjoni debitament awtorizzat minnha sabiex jaġixxi f'isimha għal kwalunkwe skop speċifiku taħt l-Att;

Kap. 345.

"kumpannija elenkata" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji.

Promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri f'kumpanniji elenkati.

3. (1) Il-Kummissjoni għandha tippromwovi, tanalizza, timmonitorja u tappoġġja l-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet ta' kumpanniji elenkati sabiex tħejji rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

(2) Il-Kummissjoni għandha, sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dan ir-regolament, sa fejn ikun meħtieġ, tiġi pprovduta mill-Awtorità b'informazzjoni dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ġeneri fuq il-bordijiet ta' kumpanniji elenkati u b'informazzjoni dwar il-miżuri meħuda bil-għan li jintlaħqu l-objettivi applikabbli għall-finijiet tal-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet ta' kumpanniji elenkati, skont id-Direttiva.